



C/2025/2913

2.6.2025

Rikors ippreżentat fid-9 ta' April 2025 – Deva vs EUIPO – Novartis (Devatis)

(Kawża T-231/25)

(C/2025/2913)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Deva Holding Anonim Şirketi (Istanbul, it-Turkija) (rappreżentanti: C. Tenkhoff u T. Herzog, lawyers)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Novartis AG (Basel, l-Isvizzera)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark Devatis –Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 513 523 li tindika l-Unjoni Ewropea

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Jannar 2025 fil-Każ R 2189/2022-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625 flimkien mal-Artikolu 95(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 196 flimkien mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.